**28 ta' Frar, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Żaren Camilleri

*versus*

L-Awtorità ta' l-Ippjanar

## Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar - Appell lill-Qorti ta' l-Appell dwar punti ta' liġi biss

*Il-ġurisdizzjoni li nghatat lill-Qorti ta' l-Appell li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkonċerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord. Għalhekk huwa eskluż kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deċiż mill-Bord fid-deċiżjoni tiegħu. Fi kliem ieħor, biex ikun hemm lok għall-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell ma jridx ikun hemm fid-deċiżjoni appellata sempliċi applikazzjoni ta' liġi għall-fatti tal-kawża, jew sempliċi enunċjazzjoni ta' xi liġi, izda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tiegħu fuqha billi ttrattaha debitament u ddefiniha fid-deċiżjoni li jkun ta.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell magħmul minn deċiżjoni mogħtija fis-26 ta' Jannar, 1996 mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li biha ġie miċħud l-appell ta' Żaren Camilleri u ġie kkonfermat ir-rifjut għall-permess għall-iżvilupp maħruġ mill-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp fis-27 ta' Jannar, 1995;

*Omissis*;

"Għal dawn il-motivi, l-Bord jiċħad l-appell u jikkonferma ċ-ċaħda għall-permess għall-iżvilupp maħruġa mill-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp";

Fit-12 ta' Frar, 1996 Żaren Camilleri appella quddiem din il-Qorti billi talab li din id-deċiżjoni ta' l-imsemmi Bord tiġi

"revokata, imħassra u annullata" b'talba li din il-Qorti tagħti l-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa inkluż, jekk hemm bżonn, ordni li l-każ jerġa' jinstema' mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar;

L-Awtorità appellata, fir-risposta tagħha, irrispondiet li l-appell huwa null billi mhuwiex bbażat fuq punt ta' liġi deċiżi mill-Bord. Inoltre, ġie sottomess li d-deċiżjoni impunjata kienet ġusta u kienet timmerita konferma u li għalhekk hemm lok li l-appell jiġi miċħud u d-deċiżjoni msemmija tal-Bord tiġi konfermata;

Trid tiġi kkunsidrata fl-ewwel lok l-eċċezzjoni preliminari ta' l-allegata nullità ta' l-appell, bażata fuq is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, li jiddisponi hekk:

"Id-deċiżjonijiet tal-Bord (ta' l-Appell dwar l-Ippjanar) ikunu finali ħlief dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord li minnhom hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell";

Joħroġ ċar minn din id-disposizzjoni li l-ġurisdizzjoni li ngħatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tikkonċerna biss u esklussivament kwistjonijiet dwar punti ta' liġi deċiżi mill-Bord. Għalhekk huwa eskluż kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli l-istess punt ta' dritt irid ikun deċiż mill-Bord fid-deċiżjoni tiegħu. Fi kliem ieħor, biex ikun hemm lok għal appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-deċiżjoni appellata sempliċi applikazzjoni ta' liġi għall-fatti tal-kawża jew sempliċi enunċjazzjoni ta' xi liġi iżda invece jrid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li ħolqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tiegħu fuqha billi ttrattaha debitament u ddefiniha fid-deċiżjoni li jkun ta;

*Omissis*;

Jidher ċar minn eżami tad-deċiżjoni tal-Bord li l-istess deċiżjoni ma fiha assolutament ebda ħjiel ta' xi vertenza fuq xi kwistjoni li tinvolvi xi punt ta' liġi jew dritt;

*Omissis*;

Illi ġaladarba din il-Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni li tissindika kwistjonijiet ta' fatt stabbiliti mill-Bord, isegwi li d-deċiżjoni tal-Bord li s-sit in kwistjoni jinsab sitwat barra miż-żona permess għall-iżvilupp hija waħda finali. U billi d-deċiżjoni appellata ma ttrattatx u ma ddeċidietx ebda punt ta' dritt isegwi ukoll li s-sempliċi applikazzjoni tar-regolamenti li għamel il-Bord għall-fatti tal-każ huma similment insindakabbli minn din il-Qorti;

Konsegwentement, l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell hija *ġustifikata u għalhekk l-appell qiegħed jiġi miċħud* u d-deċiżjoni appellata qiegħda tiġi konfermata;

L-ispejjeż jitħallsu mill-appellant.